DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 94/2009

tat-8 ta' Lulju 2009

li temenda l-Protokoll 31, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet, u l-Protokoll 37 tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 u 101 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim ġie emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 93/2008 tal-4 ta' Lulju 2008 ([1]).

(2) Il-Protokoll 37 tal-Ftehim ġie emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 76/2009 tat-30 ta' Ġunju 2009 ([2]).

(3) Il-parteċipazzjoni tal-Iżlanda u n-Norveġja fil-Programmi tal-GNSS Ewropej (EGNOS u Galileo) fuq il-bażi tal-Ftehim hu ta' interess reċiproku għall-Partijiet Kontraenti.

(4) Il-Programmi tal-GNSS Ewropej (EGNOS u Galileo) huma ta' importanza kbira għall-Iżlanda u n-Norveġja, mat-territorji rispettivi tagħhom u ż-żoni ta' oċeani f'latitudnijiet għolja.

(5) L-Iżlanda u n-Norveġja għandhom interess fis-servizzi kollha tal-Galileo, inklużi fis-Servizzi Pubbliċi Regolati.

(6) Il-ftehimiet bejn il-Komunità Ewropea u l-Iżlanda u n-Norveġja, rispettivament, dwar proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju tal-informazzjoni klassifikata għandhom ikunu kkunsidrati.

(7) Il-Partijiet Kontraenti jirrikonoxxu l-intenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea biex tipproponi politiki u arranġamenti operattivi li jirregolaw l-aċċess għas-Servizzi Pubbliċi Regolati u biex jiġu żviluppati miżuri ulterjuri għall-protezzjoni, il-kontroll u l-ġestjoni tal-assi sensittivi, l-informazzjoni u t-teknoloġiji tal-Programmi tal-GNSS Ewropej kontra indħil, l-użu ħażin, l-attentati ostili u l-proliferazzjoni mhux mixtieqa.

(8) L-Iżlanda u n-Norveġja jsostnu l-intenzjoni tagħhom biex jadottaw u jinfurzaw b'mod tempestiv skont il-miżuri ta' ġurisdizzjoni li jipprovdu livell ekwivalenti ta' sigurtà u sikurezza bħal dawk applikabbli fl-Unjoni Ewropea.

(9) In-Norveġja ħadet sehem fil-fażijiet ta' definizzjoni u ta' żvilupp tal-Galileo permezz tal-Aġenzija Ewropea tal-Ispazju u l-Programm ta' Qafas Komunitarju għar-Riċerka u l-Iżvilupp.

(10) In-Norveġja ħadet sehem bħala osservatur fil-kumitat tal-Programm tal-GNSS sa mill-2008 u fil-Bord tas-Sigurtà tal-Galileo sa mill-2002.

(11) Sa mil-Lulju 2008, huma applikabbli l-bidliet fil-governanza, il-finanzjament u s-sjieda tal-programmi tal-GNSS Ewropej.

(12) Jekk ikun meħtieġ, il-prinċipji ta' kooperazzjoni addizzjonali jsta' jkun hemm ftehim bejn il-Partijiet Kontraenti biex jirregolaw żoni speċifiċi li mhumiex koperti minn din id-Deċiżjoni.

(13) Għandha tingħata konsiderazzjoni xierqa lejn l-obbligiazzjonijiet tal-Partijiet Kontranti skont il-liġi internazzjonali.

([1]) ĠU L 280, 23.10.2008, p. 34.
([2]) ĠU L 232, 3.9.2009, p. 40.

(14) Hu xieraq li tiġi estiża l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim biex ikun jinkludi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1321/2004 tat-12 ta' Lulju 2004 dwar l-istabbiliment ta' strutturi għat-tmexxija tal-programmi ta' radjunavigazzjoni bis-satellita [1], kif ikkoreġut mill-ĠU L 6, 11.1.2007, p. 10.

(15) Hu xieraq li tiġi estiża l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim biex ikun jinkludi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1942/2006 tat-12 ta' Diċembru 2006 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1321/2004 dwar l-istabbiliment ta' strutturi għat-tmexxija tal-programmi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita [2].

(16) Ikun xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim tiġi estiża biex tkun tinkludi r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar l-implimentazzjoni ulterjuri tal-programmi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo) [3].

(17) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim għandu għalhekk jiġi emendat sabiex din l-estensjoni ta' kooperazzjoni tkun tista' sseħħ mill-1 ta' Jannar 2009. Madanakollu, minħabba problemi ekomomiċi, il-parteċipazzjoni tal-Iżlanda fil-GNSS għandha tiġi sospiża temporanjament.

(18) Fuq il-bażi tal-parteċipazzjoni kontinwa tan-Norveġja fil-fażijiet tad-definizzjoni u l-iżvilupp ta' Galileo, u bil-għan li tipparteċipa bis-sħiħ ukoll fil-fażi tat-tħaddim, in-Norveġja ser tikkontribwixxi finanzjarjament għall-impenn tal-UE li kien fil-baġit għall-programmi tal-GNSS għas-sena 2008.

(19) Biex il-Ftehim ikun jista' jitħaddem sew, il-Protokoll 37 għall-Ftehim għandu jiġi estiż biex jinkludi l-Kumitat Xjentifiku u Tekniku u l-Kumitat għas-Sigurtà u s-Sikurezza tas-Sistema stabbiliti mill-Bord Amministrattiv skont ir-Regolament (KE) Nru 1321/2004, u l-Protokoll 31 għandu jiġi emendat sabiex jiġu speċifikati l-proċeduri għall-assoċjazzjoni ma' dawn il-kumitati,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-Artikolu 1 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim huwa b'dan emendat kif ġej:

1. It-test fil-paragrafu 8 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) L-Istati tal-EFTA għandhom jipparteċipaw bis-sħiħ fl-Awtorità ta' Superviżjoni għas-Sistema Ewropea Tan-Navigazzjoni Globali tas-Satellita minn hawn 'il quddiem imsejħa l-'Awtorità', kif stipulat fl-att tal-Komunità segwenti:

— **32004 R 1321**: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1321/2004 tat-12 ta' Lulju 2004 dwar l-istabbiliment ta' strutturi għat-tmexxija tal-programmi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita (ĠU L 246, 20.7.2004, p. 1), kif ikkoreġut mill-ĠU L 6, 11.1.2007, p. 10, kif emendat minn:

— **32006 R 1942**: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1942/2006 tat-12 ta' Diċembru 2006 (ĠU L 367, 22.12.2006, p. 18).

(b) L-Istati tal-EFTA għandhom jikkontribwixxu finanzjarjament għall-attivitajiet msemmijin taħt (a) skont l-Artikolu 82 (1)(a) tal-Protokoll 32 tal-Ftehim.

(c) L-Istati tal-EFTA għandhom jipparteċipaw bis-sħiħ, mingħajr ma jkollhom id-dritt għall-vot, fil-Bord Amministrattiv tal-Awtorità u fil-Kumitat Xjentifiku u Tekniku u fil-Kumitat ta' Sigurtà u Sikurezza tas-Sistema tal-Awtorità

[1] ĠU L 246, 20.7.2004, p. 1.
[2] ĠU L 367, 22.12.2006, p. 18.
[3] ĠU L 196, 24.7.2008, p. 1.

(d) L-Awtorità għandu jkollha personalità legali. Hija għandha tgawdi fl-Istati kollha tal-Partijiet Kontraenti l-kapaċità l-iktar wiesgħa mogħtija lill-persuni legali skont il-liġijiet tagħhom.

(e) L-Istati tal-EFTA għandhom japplikaw lill-Aġenzija l-Protokoll tal-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej.

(f) B'deroga mill-Artikolu 12(2)(a) tal-Kundizzjonijiet ta' Impjieg u tal-impjegati l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej, iċ-ċittadini tal-Istati tal-EFTA li jgawdu d-drittijiet sħaħ tagħhom bħala ċittadini jistgħu jiġu impjegati mid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità fuq bażi ta' kuntratt.

(g) Bis-saħħa tal-Artikolu 79(3) tal-Ftehim Taqsima VII (Dispożizzjonijiet Istituzzjonali) tal-Ftehim għandu japplika għal-dan il-paragrafu, bl-eċċezzjoni tat-Taqsimiet 1 u 2 tal-Kapitolu 3.

(h) Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandu, għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, japplika għal kull dokument tal-Awtorità fir-rigward tal-Istati tal-EFTA wkoll.

(i) Dan il-paragrafu m'għandux japplika għal-Liechtenstein.

(j) Fir-rigward tal-Iżlanda, dan il-paragrafu għandu jiġi sospiż sakemm jiġi deċiż mod ieħor mill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE."

2. Il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal wara l-paragrafu 8:

"8a. (a) Mill-1 ta' Jannar 2009, l-Istati tal-EFTA għandhom jipparteċipaw fl-attivitajiet li jistgħu jirriżultaw mill-Att tal-Komunità li ġej:

— **32008 R 0683**: Ir-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar implimentazzjoni ulterjuri tal-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo). (ĠU L 196, 24.7.2008, p. 1).

(b) L-Istati tal-EFTA għandhom jikkontribwixxu finanzjarjament għall-attivitajiet imsemmijin taħt (a) skont l-Artikolu 82 (1)(a) tal-Protokoll 32 tal-Ftehim.

Barra minn hekk, u fuq il-bażi tal-Artikolu 82(1)(c) tal-Ftehim, in-Norveġja għandha tikkontribwixxi l-ammont ta' EUR 20 114 000 għas-sena 2008, li minnhom nofshom għandhom jitħallsu sal-31 ta' Awwissu 2012 u n-nofs l-ieħor sal-31 ta' Awwissu 2013, sabiex jiġu inklużi fis-sejħa għall-fondi previsti fl-Artikolu 2(2), tal-ewwel subparagrafu tal-Protokoll 32.

(c) L-Istati tal-EFTA għandhom jipparteċipaw bis-sħiħ, mingħajr id-dritt tal-vot, fil-kumitati kollha tal-Komunità li jgħinu lill-Kummissjoni Ewropea fil-ġestjoni, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet li hemm referenza għalihom f'(a).

Bla ħsara għal din, il-parteċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA fil-kumitati tal-Komunità li jassistu lill-Kummissjoni Ewropea b'mod speċifiku fl-aspetti ta' siġurtà msemmija taħt (a) tista' tkun soġġetta għal arranġamenti separati li għandu jintlaħaq qbil dwarhom bejn l-Istati tal-EFTA u l-Kummissjoni Ewropea. Arranġamenti bħal dawn jistgħu jikkontribwixxu biex ikun hemm protezzjoni koerenti fil-Komunità Ewropea u fl-Istati tal-EFTA tad-dejta, l-informazzjoni u t-teknoloġiji tal-programmi tal-GNSS Ewropej u biex ikunu konformi mal-impenji internazzjonali tal-Partijiet Kontraenti f'dan is-settur.

(d) Dan il-paragrafu m'għandux japplika għal-Liechtenstein.

(e) Fir-rigward tal-Iżlanda, dan il-paragrafu għandu jiġi sospiż sakemm jiġi deċiż mod ieħor mill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE."

3. It-test fil-paragrafu 6 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Il-valutazzjoni u l-għoti tad-direzzjoni ewlenija ta'attivitajiet fil-programmi ta' qafas tal-attivitajiet Komunitarji fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku msemmija fil-paragrafu 5, 8a, 9 u 10 għandhom jiġu rregolati mill-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3) tal-Ftehim."

Artikolu 2

Il-punti li ġejjin għandhom jiddaħħlu fil-Protokoll 37 (li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101) għall-Ftehim:

"30. Il-Kumitat Xjentifiku u Tekniku (Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1321/2004).

31. Il-Kumitat għas-Sigurtà u s-Sikurezza tas-Sistema (Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1321/2004)."

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-aħħar notifika lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim (*).

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2009.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2009.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Oda Helen SLETNES

(*) L-ebda rekwiżiti konstituzzjonali ma huma indikati.